# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 12 ta' Lulju, 2023.**

**Numru 11**

**Rikors numru 491/2021/1 TA**

**Romario Barbara**

**v.**

**L-Avukat Ġenerali u b'digriet tal-5 ta' Awwissu, 2021 isem l-Avukat Ġenerali ġie sostitwit għall-Avukat tal-Istat**

1. L-attur jinsab taħt Att ta' Akkuża bin-numru 12/2019 quddiem il-Qorti Kriminali, b'akkuża kontra tiegħu ta' pussess aggravat tar-raża tal-kannabis. Huwa kien irrilaxxa stqarrija fit-23 ta' Settembru 2016, meta għalkemm kien ingħata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat tal-għażla tiegħu qabel l-interrogazzjoni, ma kienx ingħata d-dritt li jkun assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni. L-attur jilmenta li dan jilledi d-dritt tiegħu għal smigħ xieraq u huwa ta' preġudizzju kbir għalih peress li l-konfessjoni

tiegħu lill-pulizija hija prova ewlenija fil-proċess ġudizzjarju kontra tiegħu u għalhekk l-użu tagħha ser ikollu impatt sostanzjali fuqu u ser joħloq preġudizzju rrimedjabbli.

2. F'dawn il-proċeduri huwa talab għalhekk lill-Ewwel Qorti sabiex:

> "**1. Tiddikjara illi min**ħabba l-fatt illi l-esponent ma kellux l-assistenza legali waqt l-arrest u l-interrogazzjoni tiegħu, ġew leżi d-drittijiet fundamentali tal-esponent għal smigħ xieraq kif sanċiti fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;
>
> **2** Takkorda dawk ir-rimedji effettivi u xierqa fiċ-ċirkostanzi".

3. L-Avukat tal-Istat eċċepixxa, *inter alia,* li l-attur irid iġib prova suffiċjenti li effettivament ma ngħatalux id-dritt ta' assistenza legali waqt it-teħid tal-istqarrija, li d-dritt ta' aċċess għal assistenza legali ilu fis-seħħ fil-liġi Maltija mis-sena 2014, li trid tinġieb prova li l-attur eżawrixxa r-rimedji ordinarji a dispożizzjoni tiegħu, li l-pulizija kienu taw id-drittijiet soliti lill-attur inkluż id-dritt għas-silenzju bi spjegazzjoni ċara li jekk jagħżel li jwieġeb dak li jista' jgħid jista' jintuża kontra tiegħu, li ma saret l-ebda pressjoni indebita fuq l-attur u lanqas ma ġie mwiegħed xi ħaġa biex jagħti l-istqarrija tiegħu, li l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea jistabbilixxi dritt ta' smigħ xieraq u mhux jedd għall-għajnuna ta' avukat qabel ma' jew waqt li tittieħed l-istqarrija u għalhekk jekk in-nuqqas ta' konsultazzjoni ma' avukat fil-mument tat-teħid ta' stqarrija ma ġġib l-ebda preġudizzju serju għall-akkużat dan ma jkollu l-ebda raġuni sabiex jinvoka ksur tad-dritt għal smigħ xieraq, li tenut kont tat-twissija mogħtija lill-attur

mill-pulizija u tal-volontarjetà li jagħti din l-istqarrija l-attur ma jistax jilmenta li sofra xi preġudizzju, li nuqqas ta' għajnuna ta' avukat ma jwassalx *ipso facto* għall-ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, li l-istqarrija ma tistax tiġi iżolata waħedha mill-bqija tal-kumpless tal-proċeduri kriminali, li wieħed irid iqis il-proċess kollu biex jiddetermina jekk hemmx jew le ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, li jridu jiġu applikati żewġ testijiet, u ċjoè t-test tal-eżistenza ta' *compelling reasons* u t-test tal-*overall fairness,* li ma jirriżultax li l-attur ġie mhedded, imsawwat, imqarraq jew li kien persuna vulnerabbli meta ġie interrogat, u li l-Imħallef adit bil-ġuri għandu fl-indirizz tiegħu lill-ġurati jispjega s-saħħa probatorja tal-evidenza u liema evidenza għandha tiġi skartata.

4. Bis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) tas-16 ta' Ġunju 2022 ġie deċiz hekk:

> "**Tilqa' l-ewwel talba** rikorrenti u tiddikjara li minħabba l-fatt li r-rikorrent ma kellux assistenza legali waqt l-arrest u l-interrogazzjoni tiegħu, ġew leżi d-drittijiet fundamentali tiegħu għal smiegħ xieraq kif sanċiti fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem.
>
> **Tilqa' it-tieni talba** rikorrenti u tordna li l-istqarrija mertu ta' din is-Sentenza tiġi mneħħija mill-proċeduri ta' l-Att ta' akkuża numru 12/2019 quddiem il-Qorti kriminali u tidderiġi lill-istess Qorti sabiex ma tħalli li jsir ebda referenza għaliha fix-xhieda li ser titressaq u filwaqt li referenza għaliha f'xhieda li diġa' ittieħdet tiġi injorata u skartata.
>
> Spejjeż ta' dawn il-proċeduri għall-intimat."

5. L-Avukat tal-Istat intavola r-rikors tal-appell tiegħu fil-5 ta' Lulju 2022 permezz ta' liema talab lil din il-Qorti sabiex tħassar u tirrevoka s-

sentenza appellata fl-intier tagħha, tilqa' l-eċċezzjonijiet tiegħu u tiċħad it-talbiet kollha tal-attur, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellati.

6. L-attur ippreżenta r-risposta tal-appell tiegħu fid-9 ta' Awwissu 2022 permezz ta' liema ssottometta li l-appell tal-Avukat tal-Istat għandu jiġi miċħud.

**Ikkonsidrat;**

7. L-Avukat tal-Istat jilmenta li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkonkludiet li l-appellant ġarrab ksur tad-dritt fondamentali tiegħu għal smigħ xieraq meta huwa ma kellux assistenza legali waqt l-arrest u l-interrogazzjoni tiegħu. Jilmenta li l-Ewwel Qorti njorat il-kronoloġija tal-emendi li saru matul iż-żmien u donnu riedet timponi r-rekwiżiti mposti fil-liġi l-ġdida, u ċjoè li r-rinunzja tiġi mniżżla bil-miktub, fi żmien meta din il-liġi kienet għadha mhux viġenti. Jilmenta wkoll li l-konklużjoni tal-Ewwel Qorti li l-appellat ma tax "*a knowning and intelligent waiver*" hija spekulattiva u m'għandhiex bażi bil-provi prodotti, waqt li x-xhieda tal-Ispettur Kevin Pulis ġiet skartata kompletament u mingħajr ma ngħatat raġuni għal dan. Jargumenta li fl-atti m'hemm l-ebda prova dwar ir-rinunzja u lanqas biss ma hu l-każ li l-appellat xehed u spjega li ma fehemx id-drittijiet li kienu ngħatawlu. Isostni li anzi l-provi jindikaw li l-appellat fehem id-drittijiet tiegħu u għal raġunijiet li jaf hu biss għażel li

ma jikkonsultax ma' avukat u li huwa ġie nfurmat bid-dritt tiegħu għas-silenzju u għażel liberament li jwieġeb għad-domandi li sarulu wara li nqrawlu u ġew spjegati d-drittijiet tiegħu lilu b'mod estensiv. Iżid li din lanqas ma kienet l-ewwel darba li l-appellat kien xellef difrejh mal-ġustizzja u għalhekk din ma kinitx l-ewwel esperjenza tiegħu mal-pulizija. Jagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta v. Martino Aiello u jsostni li dik is-sentenza hija perfettament applikabbli għal dan il-każ. Jargumenta wkoll li l-ġurisprudenza Ewropea dwar l-użu ta' stqarrija evolviet matul is-snin, u skont il-ġurisprudenza kurrenti l-fatt waħdu li persuna ma kellhiex avukat preżenti magħha waqt it-teħid tal-istqarrija ma jfissirx li tkun seħħet leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq, għaliex trid issir analiżi taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ sabiex jiġi determinat dan. Isostni li l-fatt li l-istqarrija hija prova kontra l-appellat ma jfissirx awtomatikament li din għandha tiġi skartata, għaliex fil-ġuri tiegħu l-appellat għandu kull opportunità li jikkontestaha u l-kontenut tagħha bi provi kuntrarji u b'kontro-eżamijiet u mhux bi proċeduri kostituzzjonali. Iżid li waqt il-ġuri huwa d-dmir tal-Imħallef li jiggwida lill-ġurati fuq il-valur probatorju tal-istqarrija u l-provi kollha miġbura u l-elementi tar-reat, u l-fatt li m'għandhomx taħriġ legali ma jfissirx li ma jistgħux iwieżnu l-valur probatorju tal-istqarrija. Jargumenta li l-appellat ma seta' qatt jitqies bħala persuna vulnerabbli, huwa ngħata d-drittijiet kollha tiegħu u ma tpoġġa taħt ebda pressjoni, u fil-fatt ma kkontesta l-ebda parti ta' din l-istqarrija sakemm ma preżenta r-rikors tiegħu fit-28 ta' Awwissu 2020,

erba' snin wara li rrilaxxaha, u jumejn qabel ma kellu jiġi appuntat il-ġuri tiegħu. Iżid li dan il-każ jirrigwarda sejbien ta' ammont sostanzjali ta' droga u għalhekk hemm interess pubbliku leġittimu fl-investigazzjoni u l-punizzjoni ta' reati ta' din ix-xorta.

8. L-appellat iwieġeb li llum il-ġurnata huwa assodat fil-ġurisprudenza li d-dritt ta' smigħ xieraq jiskatta mid-data tal-arrest, jew meta l-persuna kkonċernata tkun ġiet formalment infurmata li ser tiġi mixlija bil-kommissjoni ta' reat jew mid-data ta' meta bdew l-investigazzjonijiet preliminari, u għalhekk m'hemm l-ebda dubju li d-dritt għal smigħ xieraq tal-appellat beda minn dakinhar li ġie arrestat mill-Pulizija u ssussista matul l-interrogazzjoni u t-teħid tal-istqarrija tiegħu. Jargumenta li f'dan il-każ, l-użu ta' formula stampata tirrappreżenta sfida sabiex jiġi aċċertat jekk is-suspettat ikunx qiegħed jifhem sewwa l-konsegwenzi legali tad-deċiżjoni tiegħu. Iżid li huwa qatt ma ngħata dritt li jkollu avukat preżenti waqt l-interrogazzjoni tiegħu u għalhekk qatt ma seta' jirrinunzja għal dritt li qatt ma ngħata lilu. Jargumenta li sa mill-2009 il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea evolviet b'mod li bdiet titqies bħala essenzjali l-assistenza kostanti ta' avukat waqt il-*pre trial stage,* inkluż il-parteċipazzjoni ta' avukat waqt l-interrogazzjoni tas-suspettat, u dan id-dritt jissussisti anke f'każ fejn is-suspettat ikun irrifjuta l-jedd tiegħu li jkellem avukat qabel it-teħid tal-istqarrija. Jgħid li għalkemm huwa minnu li n-nuqqas ta' assistenza legali effettiva waqt l-interrogatorju ma tissarrafx

awtomatikament f'leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq, huwa aċċettat li hemm leżjoni awtomatika jekk jintwera li l-persuna suspettata jew akkużata tkun preġudikata u ċjoè "*substantially affected*" b'dik l-istqarrija. Isostni li f'dan il-każ il-konfessjoni tiegħu hija prova ewlenija fil-proċess ġudizzjarju kontra tiegħu u għalhekk m'hemm l-ebda ombra ta' dubju li l-użu tagħha ser ikollu impatt sostanzjali fuqu u ser toħloq preġudizzju irrimedjabbli għalih. Isostni li l-Avukat tal-Istat kellu juri li kien hemm raġunijiet impellenti għaċ-ċaħda tad-dritt ta' assistenza minn avukat waqt l-interrogazzjoni, u jżid li din iċ-ċaħda ppreġudikat gravement u rrimedjabbilment id-drittijiet tiegħu billi waslet sabiex il-Pulizija Eżekuttiva ottjeniet provi inkriminanti li ser jintużaw fil-konfront tiegħu.

9. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Dak li qiegħed jitlob ir-rikorrent b'dawn il-proċeduri huwa li ġew miksura id-drittijiet fundamentali tiegħu kif imħarsa mill-artikolu 39 u 6 tal-Kostituzzjoni u Konvenzjoni rispettivament, minħabba l-fatt, li ma kellu ebda assitenza legali waqt l-arrest u l-interrogazzjoni.
>
> F'dan ir-rigward il-ECHR spjegat il-prinċipju ġenerali involut fil-każ fis-**Sentenza fl-ismijiet Salduz -vs- Turkija tas-27 ta' Novembru 2008** meta qalet hekk:
>
> "*In order for the right to a fair trial to remain sufficiently "practical and effective" …, Article 6 § 1 [of the Convention] requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction – whatever its justification – must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6 … The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction." (Emfażi tal-Qorti).*

Fuq dan il-punt, l-ECHR tant hija adamanti, li anke fejn lis-suspettat baqa' sieket u ma qal xejn, ukoll sabet li kien hemm ksur ta' dawn id-drittijiet għall-fatt biss li ma kienx hemm assistenza ta' avukat (Ara **Dayanan -vs- Turkija tat-8 ta' Diċembru 2009**). Iġifieri il-ħtieġa ta' presenza ta' avukat biex jassisti suspettat, meta din l-assistenza ma jkunx hemm rinunzja għaliha li tkun ċara, univoka u espressa, huwa prinċipju integrali għall-proċess ġust.

**Konsiderazzjonijiet:**

Huwa minnu li fil-mument ta' meta r-rikorrent irrilaxxja l-istqarrija inkwistjoni, fil-liġi tagħna kien għadu ma daħalx id-dritt tal-presenza tal-avukat waqt l-inetrrogarju. L-artikolu 355AUA tal-Kodici Kriminali jipprovdi fost oħrajn li persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha d-dritt lil-avukat tagħha jkun preżenti u jipparteċipa b'mod effettiv fl-interrogazzjoni. Din il-parti tal-liġi ġiet introdotta Bl-Att LI tat-2006 u preċiżament fit-28 ta' Novembru 2016 meta l-istqarrija mertu ta' dawn il-proċeduri ġiet rilaxxjata fid-29 ta' Settembru 2016.

Kif jiddisponi artikolu 355AT (1) tal-Kodiċi Kriminali : Dan it-Sub-titolu jittrasponi d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22ta' Ottubru 2013. Iġifieri stante li din kienet direttiva u mhux regolament, kien hemm bżonn it-trasposizzjoni tad-direttiva biex dak li tiddipsoni isir parti mil-liġi Maltija. Iġifieri ma hux għal kollox korrett l-avukat tal-Istat meta fil-ħames risposta tiegħu bħal donnu jagħti x'jifhem li din id-direttiva ilha tapplika mis-26 ta' Novembru 2013. Fis-sewwa ilha tesisti fir-reġim legali tagħna minn xi tlett snin wara.

Imma indipendentement minn dan kollu, dritt fundamentali ma tikkrejaħx il-liġi, iżda pjuttost bil-kuntrarju. Dritt fundamentali, appuntu għalhekk fundamentali, ma jinħoloqx mill-bniedem iżda jitwieled miegħu. Għalhekk, jista' jkun hemm sitwazzjoni fejn minkejja ma jkunx hemm xi regola posittiva, bħal ma hija l-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni, dritt fundamentali xorta jista' jinkiser. Din il-Qorti qed tagħmilha ċara li temmen li bid-direttiva jew mingħajrha, bl-liġi jew mingħajrha, id-dritt fundamentali għall-assitenza ta' avukat waqt l-interrogazzjoni jew mill-mument tal-arrest, ma twelidtx mar-regolament jew mal-Att fuq imsemmi. Kull ma għamlu dawn il-liġijiet irrikonoxxew l-esistenza tiegħu.

Issa dak li jrid jiġi eżaminat jekk dan id-dritt fundamentali ġiex leż fiċ-ċirkostanzi tal-Każ li għandha quddiemha din il-Qorti. Illum huwa prinċipju rikonoxxut u paċifiku fil-ġurisprudenza li d-dritt ta' assistenza ta' avukat minn qabel ma persuna tiġi akkużata formalment, huwa element importanti li jirrekjedi artikolu 6(3) tal-Konvenzjoni. **F'Imbroscia-vs- Switzerland 24 ta' Novembru 1993 il-ECHR**

b'referenza għal dan l-artikolu kienet diġa' qiegħda tirraġuna silloġestikament li "*it does not follow that the Article has no application to pre-trial proceedings*".

Matul is-snin il-Qorti ewropeja kompliet tevolvi dan il-kunċett tant li **f'Pischcalonikov -vs- Russia tal-24 ta' Novembru 2009** kompliet tispjega l-importanza ta' dan il-prinċipju fis-sens li in-nuqqas ta' osservanza tiegħu fl-istadju bikri ta' meta l-pulizija tkun qed tinvestiga il-każ, partikolarment seta' jsir l-interrogatorju, jista' jippreġudika il-każ tal-individwu b'mod irreversibbli tul il-proċeduri kollha. Wara kollox, stqarrija għandha l-effetti ta' ammissjoni, li hija meqjusa r-reġina tal-provi. Biex ikun rifjut għall-assistenza ta' avukat irid ikun hemm ċirkostanzi impellenti li jiġġustifikawħ.

Il-Qrati tagħna dejjem imxew ma' dan it-tagħlim u qalu kemm-il darba, li llum il-ġurnata jidher li ma għad fadal l-ebda dubju li, għall-finijiet tal-artikolu 6(3) tal-Konvenzjoni, l-jedd li wieħed ikun mgħejjun minn avukat magħżul minnu nnifsu jew imqabbad għalih b'xejn meta ma jkollux minn fejn iħallas avukat, jibda jgħodd sa minn qabel is-smigħ proprju tal-każ kriminali.

Jidher li din it-tifsira ħarġet mill-fatt li ladarba l-ħarsien tal-jedd ta' smigħ xieraq fejn jidħol it-tul taż-żmien ta' kawża taħt l-artikolu 6(1) jgħodd f'kull stadju tal-proċediment, ma jistax jonqos li l-istess firxa tal-artikolu 6 ma tkunx tgħodd ukoll għal dawk il-garanziji minimi li l-persuna suġġetta għall-proċediment kriminali għandha jedd tgawdi taħt is-sub-artikolu (3) tal-imsemmi artikolu. Jidher li l-jedd li persuna tkun mgħejjuna minn avukat imqar waqt il-fażi tal-interrogazzjoni huwa b'rispett għad-dritt li l-ebda persuna ma għandha titħalla jew tkun imġiegħla tinkrimina lilha nnifisha (ara fost oħrajn **Sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-28 ta' Gunju, 2013 fl-ismijiet Geoffrey Galea v. L-Avukat Ġenerali et**).

L-Awtur Steven Cras jinnota is-segwenti:
*"If suspects or accused persons are deprived of liberty, e.g., when they have been arrested and brought to the police station, **the level of obligations resting on the Member** States must make the necessary arrangements to ensure that suspects or accused persons are in a position to effectively exercise their right of access to a lawyer, including by arranging for the assistance of a lawyer when the person concerned does not have one**, unless they have waived that right**."*
(Emfażi ta' din il-Qorti. Ara **The Directive on the right of access to a lawyer in criminal proceedings and in European arrest warrant proceedings. Eucrim pg 36 Issue 1/2014**)

Dan ifisser li meta l-akkużat ikun fil-kustodja tal-Pulizija, bħal meta taħt arrest jew interrogat, l-obbligu tal-Istat huwa ogħla minn meta jkunu

bdew il-proċeduri formali. Għalhekk, f'dawn iċ-ċirkostanzi l-Istat għandu bl-ogħla diliġenza jassigura li drittijiet fundamentali tal-bniedem ikunu imħarsa. Presubilment, id-distinzjoni bejn l-istadju ta' meta jkunu għadhom ma nbdewx proċeduri formali u l-istadju meta jkunu hekk inbdew, huwa dovut għall-fatt għaliex waqt il-proċeduri formali u ċjoè' meta jitressaq quddiem Qorti formalment, minn hemm 'l quddiem dejjem hemm is-serħan tal-moħħ li l-istess Qorti ser tgħasses fuq dawn d-drittijiet sabiex tiżgura li jkunu imħarsa. Iżda dan kollu sakemm l-istess akkużat ma jkunx irrinunzja għad-drittijiet tiegħu.
F'dan l-istadju għalhekk, il-Qorti trid tara x'issarraf fil-liġi d-dikjarazzjoni ta' rifjut tal-jedd għal parir legali li rriliaxxja r-rikorrent qabel ma beda jkun interrogat u r-rilaxxja l-istqarrija (a' fol 27). F'dan ir-rigward artikolu 9 tad-direttiva 2013/48/eu jiddisponi hekk:

*"1. Without prejudice to national law requiring the mandatory presence or assistance of a lawyer, Member States shall ensure that, in relation to any waiver of a right referred to in Articles 3 and 10: (a) the suspect or accused person has been provided, orally or in writing, with clear and sufficient information in simple and understandable language about the content of the right concerned and the possible consequences of waiving it; and (b) the waiver is given voluntarily and unequivocally. 2. The waiver, which can be made in writing or orally, shall be noted, as well as the circumstances under which the waiver was given, using the recording procedure in accordance with the law of the Member State concerned. 3. Member States shall ensure that suspects or accused persons may revoke a waiver subsequently at any point during the criminal proceedings and that they are informed about that possibility. Such a revocation shall have effect from the moment it is made".* (Emfażi tal-Qorti)

L-artikolu 366AUA (6) tal-kap, li huwa dak korrispondenti għal din ir-regola, ukoll jinsisti li " *Meta l-persuna miżmuma tagħżel li ma tfittixx assistenza legali l-Pulizija Eżekuttiva, l-uffiċjal li jkun qiegħed jinvestiga jew kull awtorità oħra għall-infurzar tal-liġi jew awtorità ġudizzjarja għandhom jirrekordjaw dan il-fatt bil-miktub fil-preżenza ta' żewġ xhieda u malli jsir dan tibda l-interrogazzjoni minnufih".* Il-liġi Maltija għalhekk b'differenza mid-direttiva ma tammettix rinunzja orali, iżda trid **tkun bil-miktub**, kif fil-fatt hi d-dikjarazzjoni rilaxxata mir-rikorrent.

Independentement minn kif ġiet trasposta d-direttiva fuq imsemmija fil-liġijiet tagħna, l-elementi biex jassiguraw li rinunzja għad-dritt ta' assistenza hija valida huma prinċipalment Dawn:
1. Li s-suspettat ikun ingħata informazzjoni ċara u suffiċjenti ,fi kliem sempliċi u li jinftiehem, xi jfisser li ir-rinunzja għad-dritt ta'assitenza u x'inhuma l-konsegwenzi meta jiġri hekk.

2. Li d-dikjarazzjoni ta' rinunzja trid tkun, fil-każ tal-liġi tagħna bil-miktub, li tispjega ċ-ċirkostanzi li fihom saret din id-dikjarazzjoni. Dawn għandhom ikunu reġistrati bil-mezz użat mill-pajjiż partikolari. Fil-każ tal-liġi tagħna kif aċċennat għandhom ikunu bil-miktub u b'ebda mod ieħor.
3. Li jiġi spjegat lis-susspetat li x'ħin irid ikun jista' jirtira din ir-rinunzja u li għandu jkun nfurmat espressament b'dan id-dritt u ċjoè' l-possibilita' li jirtirha.

Minn eżami tad-dikjarazzjoni fuq imsemmija, jirrisultaw li l-unika ħaġa li jissemma' hija li r-rikorrent kellu dritt li jikkonsulta ma' avukat privatament anke wiċċ 'imb wiċċ (ara ukoll dok Kap a' fol 403 para A). Imkien ma hemm referenza għad-dritt li jkollu assitenza waqt l-interrogazzjoni. L-anqas ma jissemma' li ġie infurmat li seta', f'kull waqt tal-proċeduri jirtira din ir-rinunzja. Dan l-aħħar anke ġie issollevat mill-avukati tar-rikorrent (a' fol 308).

Issa jista' jkun minnu ukoll, li kieku r-rikorrent għażel li jikkonsulta avukat, seta' jikseb tempestivament dawn il-pariri, u għalhekk kien ikun f'posizzjoni aħjar biex japprezza xi tfisser li tirrinunzja għad-dritt ta' assistenza għalkemm huwa biss ipotetiku kien ser jingħata dan il-parir. Imma l-Qorti tirrileva, li dan id-dritt jippresenta wieħed minn dawk l-istanzi, fejn l-Istat huwa mistenni li jagħti din l-informazzjoni, jekk mhux f'forma ta' parir, minħabba d-dmir posittiv tiegħu, li jassigura li ma jinkisirx dritt fundamentali (ara **La Cour européenne des Droits de l'Homme, Dalloz, Paris, coll. Connaissance du droit, Tieni edizzjoni, pg. 36 ta' Professor J.-P. Marguénaud).** L-Istat ma għandux biss id-dmir li ma jiksirx (dmir negattiv) iżda għandu ukoll attivament jassigura li ma jkunx hemm dan il-ksur (dmir posittiv) (ara fost oħrajn **Gaskin -vs- the United Kingdom, 23 June 1989, §41)**.

Kważi kważi, f'sitwazzjoni bħal dik li għandha quddiemha il-Qorti, l-Istat għandu jagħti dik l-informazzjoni sħiħa u bl-aktar mod ċar bl-istess mod li kien jagħti parir avukat tal-għażla tas-suspettat. Dan għaliex dak li tesiġi il-liġi ma hux xi dritt *ad hominem*, ċjoè' b'referenza għall-każ partikolari, iżda għaliex huwa fundamentali f'Soċjeta' demokratika, li l-proċess akkużatorju, differentement minn dak prosekutorju, jrid ikun wieħed integru mill-ewwel mument li l-individwu jiġi in kuntatt bl-aġenti tal-Istat f'investigazzjonijiet u interrogatorji. Li kieku ma jkunx hekk, il-proċess kollu jista' jkun irreversabilment kontaminat bi stqarrija li tibqa' tiġri wara l-akkużat sal-mument tal-verdett bl-infuwenza kollha li din jista' jkollha fuq min ikun imsejjaħ biex jiddeċiedi.

Din l-osservazzjoni takkwista aktar piż fil-każ ta' ġuri, kif ser ikun il-każ li għandha quddiemha din il-Qorti, fejn min irid jiddeċiedi ma hux professjonalment imħarreġ fil-liġi biex japprezza il-punti legali involuti ta' x'jagħmel stqarrija tajba, għalkemm dan jista' jkun spjegat mill-

Imħallef fl-indirizz lil ġurija fl-ispjega tal-punti ta' liġi involuti fil-każ. Ir-rinunzja għad-dritt ta' assistenza għandha tkun mgħarbla bl-aktar mod skrupuluż għaliex iġġib fix-xejn dritt li jista' jkun determinanti fuq il-proċess kollu.

Dwar ir-rinunzja intqal li "*Some Article 6 guarantees, such as the right to counsel, being a fundamental right among those which constitute the notion of a fair trial and ensuring the effectiveness of the rest of the guarantees set forth in Article 6 of the Convention, require the special protection of the "knowing and intelligent waiver" standard established in the Court's case-law .However, this does not mean that an applicant needs to have a lawyer present in order to validly waive his or her right of access to a lawyer*"(**Fariz Ahmadov v. Azerbaijan, §§ 50" (Emfażi ta' din il-Qorti. Ara Dvorski v. Croatia [GC], § 101; Pishchalnikov v. Russia, § 77-79**). Irid jingħad ukoll li l-użu ta' formula stampata, bħal każ li għandha quddiemha din il-Qorti, tippresenta sfida sabiex jiġi aċċertat jekk it-test użat, jesprimiex tassew deċiżjoni infurmata u ħielsa, fis-sens li s-suspettat ikun qiegħed jifhem sewwa il-konsegwenzi legali ta' tad-deċiżjoni tiegħu (ara **Akdağ v. Turkey, § 54**)

Il-Qorti għalhekk qieset żewġ ċirkostanzi partikulari li fil-fehma tagħha jinċidu fuq il-punt ikkunsidrat. L-ewwel wieħed jirrigwarda il-fatt li meta l-ewwel darba ġie mistoqsi jekk il-basket fl-iskip kienx tiegħu huwa mill-ewwel wieġeb fin-negattiv (Ara xhieda ta' Pc 57 Matthew Buħaġiar a' fol 47). Il-fedina penali tiegħu hija waħda netta li tindika li ma kienx *hardened criminal*. Meta deher l-ewwel darba quddiem il-Qorti fl-24 ta' Settembru 2015 huwa kien assistit minn żewġ avukati, iġifieri xi ħin talab għal assistenza ta'avukat altrimenti ma kienx ikun hekk assitit.

Il-Qorti hija indotta temmen li irrinunzja għad-dritt ta' assistenza għal avukat ma kienitx "*a knowing and intelligent waiver*" kemm minħabba iċ-ċirkostanzi tal-każ u kif ukoll għaliex ma jidhirx li saret spjega ċara ta' xi tfisser lir-rikorrent li immedjament wara ġie interrogat (ara a' fol 27 u 27 tergo). Anke minn dan l-aspett il-Qorti tħoss li kien nuqqas. L-istqarrija setgħet ittieħdet f'ħin ieħor aktar tard fl-istess ġurnata u mhux immedjatament wara, biex b'hekk persuna tkun tista' tirrifletti fuq ir-rinunzja (Ir-rinunzja saret fid-9.39 u l-istqarrija ittieħdet fil-10.00). F'dan il-ħin ir-rikorrent ried jixtarr ukoll l-ittra ta' drittijiet li ingħatatlu (a' fol 403). Din l-osservazzjoni hija ukoll desunta minn dak li tiddisponi id-direttiva inkwantu din tesiġi li il-persuna għandha tkun infurmata li fi kwalunkwe stadju setgħet tirtirha. Biex dan id-dritt ikun eżerċitat irid ikun hemm ħin ta' riflessjoni li fil-każ li għandha quddiemha din il-Qorti ma tantx jidher li kien hemm ħin għalhekk għar-raġuni diġa' spjegata.

Di piu', għalkemm fiż-żmien li ttieħdet l-istqarrija d-direttiva ma kienx għadha trasportata formalment fil-liġi maltija, xorta kien dritt tar-

rikorrent li seta' jitlob li jkollu avukat waqt l-interrogazzjoni. Informazzjoni, li setgħet għamlet id-differenza kollha li kieku r-rikorrent kien jaf biħ. Dan qiegħed jingħad ukoll, għaliex fir-risposta numru 5 tiegħu l-Avukat tal-istat ukoll jgħid li "*id-direttiva 2013/48/UE dwar dritt ta' access ghal avukat, ghalkuntatt ma partijiet terzi u awtoritajiet konsolari fil-kaz ta' kustodja ilha tapplika mis-26 ta' Novembru 2013*" (a' fol 10).

Għalhekk din il-Qorti ma hiex ser tikkunsidra din ir-rinunzja bħala waħda tajba fil-liġi.

Kwantu għall-istqarrija fiha nnifisha l-Qorti ħadet inkonsiderazzjoni diversi ċirkostanzi tal-każ. Fl-ewwel lok irid ikun ribadit li prinċipju li ftit jiswa' meta jingħad li d-direttiva fiż-żmien li seħħ il-każ ma kienitx għadha parti mir-reġim legali. F'dan ir-rigward il-Qorti Kostituzzjonali ikkumentat hekk:

*"Kien id-dmir tal-Gvernijiet differenti matul is-snin li jaġġornaw ruħhom mas-sentenzi tal-Qorti Ewropea u ma jistennewx sal-2016 sabiex jintroduċu dispożizzjoni fil-Kodiċi Kriminali li s-suspettat għandu jedd għall-assistenza ta' avukat waqt l-interrogazzjoni li ssir meta jkun fil-kustodja tal-pulizija. Emenda li saret sabiex tittrasponi d-dispożizzjoni tad-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew (ara Art. 355AT tal-Kodiċi Kriminali), li fost miżuri oħra assigurat id-dritt tas-suspettat għall-assistenza ta' avukat waqt l-interrogazzjoni mill-pulizija"* ( Ara **Sentenza tas-27 ta' Jannar, 2021 fl-ismijiet-Morgan Onuorah -vs- L-Avukat tal-Istat**).

Ir-rikorrent ma ammettiex mill-ewwel, anzi kif diġa' aċċennat kien ċaħad li s-sustanza li kienet tiegħu (a' fol 28 tergo). Li ħlief għal l-istqarrija inkwistjoni, ma jidhirx li hemm provi diretti salv għal dak li qalu l-familjari, mhux taħt ġurament, dak in-nhar tal-inċident inkwistjoni. Kif diġa' jemerġi mill-kumpilazzjoni, issa dawn il-familjari, l-aħwa ma ridux jixdhu kontra ħuhhom u l-omm kontra il-bin. Huwa minnu li skond artikolu 632(2) tal-kap 9 tal-liġijiet ta' Malta dawn huma xhieda kompetenti iżda kompellabbli skond id-diskrezzjoni tal-Qorti. Pero' din il-Qorti trid timxi fuq dak li għandha quddiemha u mhux fuq dak li jista' jiġri aktar 'l quddiem fil-proċeduri tal-ġuri.

Di piu', kif diġa' aċċennat, mill-fedina penali tiegħu huwa ċar li r-rikorrent ma hux kriminal inkallit (*hardened criminal*). Dan ma jfissrix b'daqshekk, li din il-Qorti qed tapprova dak li rejalment seta' ġara, iżda qed tagħmel din l-osservazzjoni bħala parti mill-eżerċizzju ta' evalwazzjoni tal-punti legali li qed ikunu trattati.

Ma hemm ebda prova li r-rikorrent, li kellu 20 sena meta tressaq, kien vulnerabbli f'sens dejjaq tal-kelma, iżda minn naħa l-oħra, l-anqas ma jidher li kellhu l-esperjenza tal-ħajja biex jirrejalizza x'setgħu jkunu il-

konsegwenzi tal-istqarrija li rrilaxxja. Di fatti fl-istqarrija tiegħu ma kienx biżżejjed li ammetta, iżda mar lill-hin minn hekk għax saħansitra qal kemm kien bi ħsiebu jagħmel qliegħ. Il-Qorti hija konvinta li bl-assistenza ta' avukat l-istorja setgħet ħadet triq oħra.

Fis-sentenza tal-ECHR fl-ismijiet ta' **Beuze -vs- Belgium [Grand Chamber] tad-9 ta' Novembru 2018** dik il-Qorti osservat li sabiex jintlaħaq l-għan ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni hemm tlett rekwiżiti minimi li ġejjin:-

*"First, as the Court has already stated above (ara paragrafu 124 tas-Sentenza), suspects must be able to enter into contact with a lawyer from the time when they are taken into custody. It must therefore be possible for a suspect to consult with his or her lawyer prior to an interview (see Brusco, cited above, § 54, and A.T. v. Luxembourg, cited above, §§ 86- 87), or even where there is no interview (see Simeonovi, cited above, §§ 111 and 121). The lawyer must be able to confer with his or her client in private and receive confidential instructions (see Lanz v. Austria, no. 24430/94, § 50, 31 January 2002; Öcalan, cited above, § 135; Rybacki v. Poland, no. 52479/99, § 56, 13 January 2009; Rik. Kost. 32/15/1 15 Sakhnovskiy, cited above, § 97; and M v. the Netherlands, cited above, § 85).*

*Secondly, the Court has found in a number of cases that suspects have the right for their lawyer to be physically present during their initial police interviews and whenever they are questioned in the subsequent pre-trial proceedings (see Adamkiewicz v. Poland, no. 54729/00, § 87, 2 March 2010; Brusco, cited above, § 54; Mađer v. Croatia, no. 56185/07, §§ 151 and 153, 21 June 2011; Šebalj v. Croatia, no. 4429/09, §§ 256-57, 28 June 2011; and Erkapić v. Croatia, no. 51198/08, § 80, 25 April 2013). Such physical presence must enable the lawyer to provide assistance that is effective and practical rather than merely abstract (see A.T. v. Luxembourg, cited above, § 87), and in particular to ensure that the defence rights of the interviewed suspect are not prejudiced (see John Murray, cited above, § 66, and Öcalan, cited above, § 131). ...*

*In addition to the above-mentioned aspects, which play a crucial role in determining whether access to a lawyer during the pre-trial phase has been practical and effective, the Court has indicated that account must be taken, on a case-by-case basis, in assessing the overall fairness of proceedings, of the whole range of services specifically associated with legal assistance…. (see Hovanesian v. Bulgaria, no. 31814/03, § 34, 21 December 2010; Simons, cited above, § 30; A.T. v. Luxembourg, cited above, § 64; Adamkiewicz, cited above, § 84; and Dvorski, cited above, §§ 78 and 108)."*

> Din il-Qorti qieset iċ-ċirkostanzi tal-każ, partikolarment li qabel l-interrogazzjoni ma ġiex spjegat lir-rikorrent li seta' jkollu avukat **waqt** u mhux biss qabel l-interrogatorju abbinat ma' din, l-anqas ma ġie infurmat li **seta' x'ħin irid jirtira r-rinunzja**.
>
> Dan qiegħed jingħad anke fid-dawl li l-istqarrija hija l-uniku prova rejali u tanġibbli li għandha l-prosekuzzjoni kontra r-rikorrent. Ma tarax kif, jekk titħalla l-istqarrija inkwistjoni intatta u fl-atti, qatt ir-rikorrent jista' jkollu smiegħ xieraq kif iridu l-artikoli 39 u 6 tal-Kostituzzjoni u tal-konvenzjoni rispettivament.
>
> Għalhekk b'mod konsonanti, kemm mal-ermenautika lokali u wisq aktar dik Konvenzjonali, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, il-Qorti ser tkun qiegħda tilqa' it-talbiet tar-rikorrent."

## *Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti*

10. L-aggravju tal-Avukat tal-Istat huwa mibni fuq żewġ binarji: (i) li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkonkludiet li r-rinunzja għad-dritt li jikkonsulta ma' avukat mogħtija mill-attur qabel ma rrilaxxa l-istqarrija in kwistjoni ma kinitx "*knowing and intelligent waiver"* tad-dritt tiegħu u (ii) li l-fatt li l-liġi dak iż-żmien ma kinitx tippermetti li suspettat ikollu avukat preżenti miegħu waqt l-interrogazzjoni ma twassalx awtomatikament għal ksur tad-dritt ta' smigħ xieraq għaliex il-każ jeħtieġ li jiġi eżaminat fit-totalità tiegħu u f'dan il-każ peress li ser ikun hemm ġuri l-Imħallef addit mill-ġuri ser ikun qiegħed jagħti lill-ġurati spjegazzjoni dwar il-valur probatorju tal-provi mressqa quddiemhom.

11. Fir-rigward tal-kwistjoni tar-rinunzja għad-dritt ta' assistenza legali, il-Qorti tqis li kkonsidrat l-ilment imressaq mill-attur f'dawn il-proċeduri din

hija kwistjoni ftit li xejn relevanti. L-attur irrinunzja għad-dritt li jikkonsulta ma' avukat qabel l-interrogatorju. Però l-ilment tiegħu huwa dwar il-fatt li ma setax ikun assistit minn avukat waqt li kien qiegħed jiġi interrogat, dritt dan li ma setax jirrinunzja għalih ladarba ma kien hemm l-ebda liġi li tpoġġih fis-seħħ.

12. Fir-rigward tal-kwistjoni tal-presenza ta' avukat matul l-interrogazzjoni, il-Qorti tagħraf li kemm fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti u kif ukoll fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea, il-fatt waħdu li s-suspettat ma kellux il-possibbilità li jkun assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni ma jfissirx awtomatikament li l-użu ta' dik l-istqarrija fil-proċeduri kriminali kontra tiegħu illeda, jew x'aktarx ser jilledi, id-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq.

13. Fil-każ odjern m'hemmx dubju li l-liġi kif kienet viġenti fiż-żmien relevanti ma kinitx tippermetti li s-suspettat jiġi assistit minn avukat waqt li jkun qed jiġi interrogat mill-pulizija. Dak iż-żmien però l-liġi kienet tippermetti li s-suspettat jikkonsulta privatament ma' avukat, wiċċ imb'wiċċ jew bit-telefon, għal żmien ta' siegħa, qabel ma jiġi interrogat. Dan huwa fattur relevanti għall-finijiet tad-determinazzjoni dwar l-"*overall fairness of the proceedings*" peress li "*although there is no doubt that the applicant's right was restricted, the extent of that restriction was relative*."[1]

[1] *Idem.*

Il-Qorti tosserva wkoll li l-attur kellu d-dritt li ma jirrispondix għad-domandi magħmula lilu, u kellu d-dritt ukoll li jimpunja l-validita tal-istqarrija tiegħu quddiem il-Qorti Kriminali qabel ma jiġi appuntat il-ġuri, oltre li jikkontesta l-valur probatorju tagħha waqt il-ġuri nnifsu.

14. Dawn il-vulnerabbilità o meno tal-attur, il-Qorti tqis li għalkemm kellu dsatax-il sena ma jistax jingħad li saret xi prova li l-attur kien persuna vulnerabbli jew kien fi stat li ma kienx f'pożizzjoni li jieħu deċiżjoni volontarja. Għalkemm jirriżulta li qabel ġie arrestat kellu xi jgħid ma' ħutu u qala' xi daqqa fuq imnieħru, ma jidhirx li dan l-episodju kellu xi effett negattiv fuq il-kapaċitajiet metali u fakoltattivi tiegħu. Għalkemm sar verbal meta deher l-ewwel darba quddiem il-Qorti Struttorja fl-24 ta' Settembru 2015 u sar dan il-verbal

> "Id-difiza f'dan l-istadju mhux qed taghmel talba ghal ghoti tal-helsien mill-arrest ghalkemm talbet lil Qorti sabiex minhabba ragunijiet ta' natura psikoaffettiva ta' l-imputat, joghgobha taghmel rakkomandazzjoni lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin sabiex waqt il-permanenza tieghu fl-istess facilita l-imputat jigi riferit fit-taqsima forensi.
>
> L-Ufficjal Prosekutur, fil-waqt li jirrikonoxxi wkoll dak mistqarr mill-avukati difensuri jiddikjara li ma jopponix."

ma jissemma xejn aktar fl-atti sussegwenti.

15. Din il-Qorti reġgħet għarblet sew il-pożizzjoni tagħha fuq din it-tema ta' intempestivita tal-ilment kostituzzjonali. Tagħmel riferenza għaż-żewġ sentenzi tal-Qorti Ewropea Għad-Drittijiet tal-Bniedem, **Martin**

**Dimech v. Malta** tat-2 ta' April 2015 u **Tyrone Fenech et v. Malta** tal-5 ta' Jannar 2016, dwar ilmenti li jixxiebħu ħafna għal dawk tal-lum dwar it-teħid ta' stqarrija mingħajr konsultazzjoni minn qabel ma' avukat, għalkemm f'dan il-każ il-konsultazzjoni kienet waħda limitata.

16. F'dawk is-sentenzi l-ilment tas-smigħ xieraq tressaq meta l-proċeduri kriminali kienu għadhom pendenti. Billi l-proċeduri kriminali kienu għadhom mexjin, il-Qorti Ewropea saħqet li kien kmieni biex jiġi deċiż jekk kienx hemm smigħ xieraq jew le. Fi kliem il-Qorti Ewropea:

> *"applications concerning the same subject matter as that at issue in the present case were rejected as premature when the criminal proceedings were still pending (see, **Kesik v. Turkey**, (dec.), no. 18376/09, 24 August 2010 and **Simons v. Belgium** (dec.), no. 71407/10, 28 August 2012) and, where the applicant had ultimately been acquitted, the complaint was rejected on the ground that the applicant had no victim status (see **Bouglame v. Belgium** (dec.), no. 16147/08, 2 March 2010). The Court finds no reason to deem otherwise in the present case. Without prejudice to the applicant's possibility of bringing new proceedings before this Court in the event of a conviction by the domestic courts, as matters stand to date, given that the criminal proceedings against the applicant are currently pending before the domestic courts, the Court finds this complaint to be premature. Consequently, this part of the application must be rejected, pursuant to Article 35 I and 4 of the Convention, for non-exhaustion of domestic remedies*".

17. Essenzjalment din id-difiża hija msejsa fuq il-premessa illi allegazzjoni ta' nuqqas smigħ xieraq teħtieg li l-process li minnu jkun qed isir l-ilment jiġi eżaminat fit-totalità tiegħu u mhux jiġi maqsum u jsir enfasi fuq inċident wieħed partikolari.

18. Naturalment ladarba f’dan il-każ il-proċess kriminali għadu ma ġiex mitmum, għadu mhux magħruf kif u taħt liema ċirkostanzi l-appellant ser jiġi żvantaġġjat. Huwa ċertament barra minn loku illi l-ilment *de quo agitur* jiġi diskuss f’dan l-istadju *in vacuo*. Il-Qorti Kriminali għadha trid tevalwa l-istqarrijiet li saru u jekk saru ikunx hemm vjolazzjoni tad-dritt ta’ smigħ xieraq minħabba l-mod kif ittieħdu tenut kont iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ li jvarjaw minn każ għall-ieħor. Hemmx leżjoni tad-dritt għalhekk ser jiddependi mill-mod kif il-Qorti Kriminali tkun trattat l-istqarrijiet u l-piż mogħtija lilhom fl-assjem tal-provi kollha. Għal dak li jiswa jista’ jkun il-każ li l-Qorti Kriminali fl-aħħar mill-aħħar ma ssibux ħati u għalhekk ħafna mill-preokupazzjonijiet tiegħu dwar l-istqarrijiet jisfaw fix-xejn. Dan biex ma jingħadx ukoll li anke wara s-sentenza tal-Qorti Kriminali hemm il-possibbilità li jsir appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, li għandha s-setgħa li ddawwar l-affarijiet. Jiġi b'hekk, li l-ilment jekk seħħx virtwalment xi ksur ta' drittijiet fundamentali f’dan l-istadju huwa għal kollox prematur.

19. Huwa rilevanti dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-każ ta’ **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Rosario Militello** deċiż fis-27 ta’ Jannar 2021 dwar kif għandha timxi l-Qorti Kriminali meta qalet hekk:

> “23. Għaldaqstant magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet, l-aggravju sollevat mill- Avukat Ġenerali jistħoqqlu akkoljiment b’dan illi fil-kors taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri, wara li jinstemgħu il-provi kollha, fl-indirizz finali, l-Imħallef togat għandu jagħti dik id-direzzjoni opportuna lil

> ġurati dwar il-valur probatorju ta'l-istqarrija rilaxxati mill-akkużat jekk jirrizulta illi dawn ma ttieħdux skont il-liġi, jew jekk javveraw irwieħhom dawk iċ-ċirkostanzi elenkati fil-linji gwida stabbiliti fid-deċiżjoni Beuze hawn fuq iċċitata. Fuq kollox, għall-appellat dejjem jibqa' id-dritt tiegħu li jitlob reviżjoni tal-verdett u s-sentenza tal-Qorti Kriminali fl-eventwalita' li jkun hemm dikjarazzjoni ta' ħtija fil-konfront tiegħu".

20. L-appellant ma jistax jagħmilha bħala fatta li huwa mhuwiex sejjer ikollu smigħ xieraq minħabba l-mod ta' kif ittieħdet l-istqarrija tiegħu. Ladarba l-proċeduri kriminali għadhom mexjin, allura huwa jgawdi mill-preżunzjoni tal-innocenza. Tassew il-prosekuzzjoni għad trid tipprova l-akkuzi tagħha kontra tiegħu u l-istess akkużat għad għandu kull opportunità li jiddefendi lilu nnifsu.

21. Għalhekk il-fatt waħdu li saru stqarrijiet ma ssostnix l-ilment ta' ksur ta' jedd ta' smigħ xieraq għaliex din waħidha mhijiex determinanti tal-kwistjoni minnu sollevata, b'dana li l-ilment huwa għal kollox intempestiv u prematur.

22. Il-Qorti tirreferi hawnhekk l-aktar sentenzi riċenti fuq is-suġġett, *viz*. **Beuze v. Il-Belġju** deċiża mill-*Grand Chamber* fid-9 ta' Novembru 2018 u s-sentenza **Carmel Joseph Farrugia v. Malta** deċiża mill-Qorti Ewropea Għad-Drittijiet tal-Bniedem fl-4 ta' Ġunju 2019.

23. Dawn iż-żewġ sentenzi ħolqu numru ta' kriterji mhux tassattivi li wieħed għandu jqis biex jara jekk in-nuqqas ta' assistenza legali fl-istadju

tat-teħid tal-istqarrija jwassalx għall-ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq. Dawn il-kriterji jistgħu jiġu determinati biss wara li jintemm il-proċess kriminali.

24. Hija għalhekk il-fehma meqjusa ta' din il-Qorti meta jittieħed kont ta' kif il-Qorti Ewropea issa qed tindirizza l-kwistjoni mhuwiex floku li l-Qrati Kostituzzjonali joqogħdu jindaħlu f'temi li jmissu mas-siwi tal-evidenza. Bħalma sewwa qalet il-Qorti Ewropea fil-każ **Carmel Camilleri v. Malta** deċiż fis-16 ta' Marzu 2000 li kienet dwar is-siwi ta' stqarrija mogħtija minn terzi:

> *"The Court reiterates that the admissibility of evidence is primarily a matter for regulation by national law and as a general rule it is for the national courts to assess the evidence before them. The Court's task under the Convention is not to give a ruling as to whether statements of witnesses were properly admitted as evidence, but rather to ascertain whether the proceedings as a whole, including the way in which evidence was taken, were fair (see the Doorson v. the Netherlands judgment of 26 March 1996, Reports of Judgments and Decisions 1996-11, p. 470, S 67; the Edwards v. the United Kingdom judgment of 16 December 1992, Series A no. 247-B, pp. 34-35, 34). Furthermore, the Court cannot hold in the abstract that evidence given by a witness in open court and on oath should always be relied on in preference to other statements made by the same witness in the course of criminal proceedings, not even when the two are in conflict (see the above-mentioned Doorson judgment, p. 472, §78*)"

25. L-għaqal li din il-Qorti tieħu din id-deċiżjoni dwar l-ilqugħ tal-eċċezzjoni tal-intempestività, jinsab imsaħħaħ ukoll minn dak li ġara fl-aħħar sentenza **Roderick Castillo v. Avukat Generali et** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fl-20 ta' Lulju 2020. F'din is-sentenza ġara li waqt li kienu mexjin il-proċeduri kostituzzjonali, ġew mitmuma l-proċeduri

kriminali u Roderick Castillo ġie meħlus mill-akkużi miġjuba kontrih. Minħabba din il-ġrajja, il-Qorti Kostituzzjonali qalet li:

> *"Bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali l-appellat ingħata rimedju definittiv u effettiv. B'hekk minkejja dak li ġara fl-istadju meta l-appellat tal-istqarrija, xorta 'on the whole' kellu smigħ xieraq b'dak li ġara fl-istadju tal-appell"*

26. Għaldaqstant l-appell tal-Avukat tal-Istat qiegħed jiġi milqugħ.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell tal-Avukat tal-Istat u tirrevoka s-sentenza tal-Ewwel Qorti, u tiċħad it-talbiet tal-attur, bl-ispejjeż kollha kontra l-appellat.

| Mark Chetcuti | Giannino Caruana Demajo | Anthony Ellul |
|---|---|---|
| Prim Imħallef | Imħallef | Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr